


# IL-PONT

miġbura minn Patrick SAMMUT

ħarġa Nu. 31 - **APRIL 2015**


# editorjal

Nhar il-5 ta' Marzu li għadda ġie ċċelebrat f'bosta pajjiżi madwar id-dinja Jum il-Ktieb 2015. F'rabta ma' din l-okkażjoni fir-Renju Unit ġew reklamati btajjel partikolari li jintrabtu direttament ma' kittieba jew poeti differenti li jintrabtu ma' għadd ta' postijiet speċifiċi.

Bħala parti minn dawn il-btajjel-itinerarji madwar ir-Renju Unit issemmew Charles Dickens f'rabta ma' Londra Vittorjana, l-aħwa Bronte u l-villaġġ ta' Haworth fil-West Yorkshire, u r-rabta ta' Jane Austen ma' Bath (fejn għexet bejn l-1801 u l-1806). Anki Edinburgu tinsab inkluża f'dan l-itinerarju speċjali: fl-2004 din il-belt Skoċċiża kienet magħżula mill-UNESCO bħala l-ewwel Belt tal-Letteratura. Marbutin magħha hemm kittieba bħal Robert Louis Stevenson, Robert Burns, Sir Walter Scott u J.K. Rowling. Hawn wieħed jista' jżur ir-*Writers' Museum*. Matul dan l-itinerarju letterarju jitfakkru wkoll Thomas Hardy fil-Lbiċ (iż-żona tas-*South West*), il-poeti Romantiċi u l-*Lake District* u JRR Tolkien f'rabta ma' Birmingham.

Dan kollu jwassalni biex nistaqsi: "Hawn Malta minn dan kollu x'qed isir?" Proġett li rnexxa, imma li hu ftit magħruf mill-pubbliku inġenerali, huwa d-Dar tal-poetessa Doreen Micallef Chritien fil-Belt Valletta li llum huwa s-sede tal-Akkademja tal-Malti. Jiġu f'moħħi l-mawriet li fl-imgħoddi ġew organizzati minn xi għaqdiet tal-Malti fil-Palazz Presidenzjali ta' San Anton f'rabta mal-perijodu li matulu Mikiel Anton Vassalli, Missier l-Ilsien Malti, kien priġunier hemmhekk. Niftakar ukoll, imma b'diqa kbira, f'Dar Dun Karm fil-Belt Valletta, imfakkra bi plakka tal-irħam fuq il-bieb ċkejken ewlieni, li spiss tiġi murija nuqqas ta' rispett

# werrej


| | |
|---|---|
| *L-Aħbarijiet* | 3 |
| *Reazzjonijiet* | 6 |
| *L-Intervista* | 7 |
| *L-Esej* | 9 |
| *Ktieb mill-qrib* | 11 |
| *Ir-Rakkont* | 13 |
| *Il-Poeżiji* | 14 |
| *Il-Poeżiji - Lil Hinn Minn Xtutna* | 16 |
| *Minn fuq l-Ixkaffa* | 17 |
| *Xkaffa Melitensia* | 18 |


Min jixtieq jikkontribwixxi f'IL-PONT b'materjal ta' livell, mhux twil u adatt jista' jibagħtu direttament lill-Editur fl-indirizz **sammutpatrickj@gmail.com**

# l-editorjal kont...

kbir billi jitħallew il-boroż taż-żibel eżatt quddiemha. Ġieli ċerti studenti xxurtjati jittieħdu l-Biblijoteka Nazzjonali fejn jaraw ukoll l-uffiċċju fejn kien jaħdem il-Poeta Nazzjonali sakemm kien biblijotekarju. Mill-bqija ftit li xejn iktar, apparti l-laqgħat frekwenti mtellgħin mill-għaqdiet tal-Malti u li għalihom jattendu dawk il-ftit li huma verament interessati fil-qasam tal-letteratura u r-riċerka.

Dan minkejja li hawn ħafna xi jsir. Liema huma d-djar u l-imkejjen fejn kibru u għexu l-kittieba ewlenin tal-Malti? Liema huma l-kappelli jew knejjes li qaddsu fihom? Liema huma t-toroq imsemmijin għall-kittieba u għaliex dan? Liema widien, għoljiet, kappelli, ċimiterji, imsieraħ, ġonna u l-bqija ispiraw lil dawn il-kittieba ewlenin? Fejn jinsabu l-monumenti u l-plakek iddedikati lilhom u liema hija l-istorja warajhom? F'moħħi jgħaddu ismijiet ta' mkejjen bħall-Ġnien tal-Barrakka u Rużar Briffa, Wied Qirda u Dun Karm, il-Wied taż-Żebbuġi u Karmenu Vassallo, Gelmus u Ġorġ Zammit, il-Fawwara jew l-Għolja tas-Salib u Pawlu Aquilina, u bosta oħrajn.

Anki dan il-wirt letterarju huwa parti mill-patrimonju nazzjonali tagħna bħala poplu Malti. Jiftaħru b'wirthom u jberrħuh, saħansitra jirreklamawh mal-erba' rkejjen tad-dinja, popli barranin, mela għaliex aħna ma nagħmlux hekk ukoll?! Fejn hemm bżonn, naqilbu x-xogħlijiet letterarji Maltin ewlenin f'ilsna barranin differenti ħalli jkunu jistgħu jitgawdew u jiġu apprezzati anki minn dawk li ma jifhmux lil ilsienna.

Fuq nota oħra, ta' min ifaħħar inizzjattivi bħalma huma għadd ta' programmi li jixxandru fuq ċerti stazzjonijiet radjufoniċi lokali, fosthom "Nwar" (programm ta' Susanne Mulvany bis-sehem tal-Akkademja tal-Malti fuq Radju Malta 1), "Seħer il-Malti" (programm fuq RTK dwar aspetti varji fuq il-lingwa u l-letteratura Maltija ta' Thomas Pace mal-Prof. Manwel Mifsud), "Mill-Kotba li Waslulna" (programm ta' Tonio Bonello fuq RTK fejn jintervista kittieba u awturi ta' pubblikazzjonijiet ġodda), u "Bijografiji Letterarji" (programm ta' Sergio Grech dwar numru ta' kittieba Maltin fuq CampusFM). Dawn huma biss ftit, imma hemm ħafna iktar: kollha jgħinu biex jgħollu l-livell kulturali tas-semmiegħa, anki billi japprezzaw iktar aspetti varji dwar l-ilsien Malti (f'moħħi għandi lill-Prof. Charles Briffa) u l-letteratura Maltija.

Ma dan b'xi mod jew ieħor jintrabat kliem il-kittieb Sqalli Andrea Camilleri li qed nislet mill-paġna tal-fb *Liberiamo*: "Bisognerebbe far capire che andare a teatro o leggere un libro non è un passatempo: in realtà è anche un passatempo se vogliamo, ma è anche qualche cosa di più, cioè a dire un crescere da uomini, da cittadini, un capire il mondo, un conoscere l'infinita quantità di cose che ignoriamo, cioè un continuo arricchimento." Fi kliem ieħor min isib ħin imur it-teatru jew jaqra ktieb jgħin lilu nnifsu jikber, jimmatura, kemm bħala bniedem kif ukoll bħala ċittadin.

Bniedem u ċittadin ma jistax jikber u jimmatura jekk ma jagħrafx l-imgħoddi tiegħu, ta' ġensu, tal-umanità sħiħa. Fi kliem il-ġurnalist Ferruccio de Bortoli tas-sit *corrieri.it,* "La memoria è preziosa ma fragile. L'oblio, invece, è puntuale spietato." (mill-artiklu, "Con il diario di Anne Frank la memoria vince sull'oblio"). Jista' jkun li llum qed insiru iktar materjalisti u marbutin fuq kollox mal-preżenti u mal-"jien" proprju għax "insejna" l-imgħoddi tagħna. Din it-tnessija (l-"oblio") qed tbegħedni tassew mill-umanità tagħna. Jekk wieħed irid jerġa' jiftakar f'dak li jagħmilna bnedmin, bit-tajjeb u l-ħażin tagħna, hemm bżonn li naqraw kemm l-Istorja kif ukoll il-Letteratura inġenerali, u l-Poeżija in partikolari. Hekk biss nitgħallmu mill-iżbalji u mir-rebħiet li l-bniedem ġarrab fl-imgħoddi; hekk biss inkunu nistgħu niggarantixxu ġejjieni ta' paċi bejn il-popli kollha.

L-GĦID IT-TAJJEB lill-qarrejja kollha ta' IL-PONT, inklużi qrabathom u ħbiebhom.

EDITORJAL

# l-aħbarijiet

**NIRIEN KBAR F'BIBLIJOTEKA F'MOSKA**

Fl-aħħar jiem ta' Jannar 2015 nirien kbar ħakmu waħda mil-ikbar biblijoteki fir-Russja u għamlu ħsara lil iktar minn miljun dokument storiku. In-nirien bdew fl-Istitut tal-Informazzjoni Xjentifika dwar ix-Xjenzi Soċjali f'Moska li nfetaħ fl-1918 u jiġbor fih mal-għaxar miljun dokument, xi wħud minnhom imorru lura għas-seklu 16. Vladimir Fortov, president tal-Akkademja Russa tax-Xjenzi, qabbel dil-kollezzjoni ma' dik li hemm fil-*Library of Congress* fl-Istati Uniti. Fortov qal li madwar 15% tal-kollezzjoni ġarrbet danni, inklużi xogħlijiet miktubin bl-ilsna Slaviċi u dokumenti mir-Renju Unit, l-Italja u l-Istati Uniti. Diżastri bħal dawn għandhom iservu biex jiftħulna għajnejna dwar x'sistemi kontra n-nar għandna hawn Malta biex nipproteġu l-biblijoteki tagħna u nistaqsu jekk humiex verament effettivi.

**KITTIEBA MALTIN INTERVISTATI FUQ SITI VIRTWALI**

Hija ħaġa sabiħa tara bosta rivisti elettroniċi Maltin moderni u varjati bħala suġġetti ttrattati. Imma hija ħaġa isbaħ tara inklużi f'pubblikazzjonijiet virtwali bħal dawn taqsimiet iddedikati lil-letteratura u l-kittieba, anki lokali. Tnejn minn-dawn il-kittieba huma Therese Pace u Charles Casha, imma ċert li hemm ħafna iktar. Wieħed jista' jaqra intervista mal-kittieba u poetessa Therese Pace fil-ħolqa http://littlerock.com.mt/culture/maltese-poet-therese-pace-gives-a-modern-day-perspective-on-poetry/ Intervista ma' Charles Casha tinsab hawn: http://www.swag.com.mt/en/articles/articles/659/encounters-with-authors-charles-casha.htm

**TMUT IL-KITTIEBA ALĠERINA ASSIA DJEBAR**

Nhar is-6 ta' Frar 2015 mietet ir-rumanziera, traduttriċi u produttriċi tal-films mill-Alġerija, Assia Djebar. Isimha proprju kien Fatima-Zohra Imalayen u twieldet fit-30 June 1936. Xogħlijietha spiss ittrattaw l-ostakli li jiltaqgħu magħhom in-nisa. Hija kkonsidrata bħala waħda mill-kittieba ewlenin tal-Afrika ta' Fuq, u kienet l-ewwel kittieba mill-Maghreb li fl-2005 bdiet tagħmel parti mill-*Académie française*. Fl-1996 rebħet il-Premju Internazzjonali għal-Letteratura Neustadt. L-ewwel rumanz tagħha *La Soif* (*The Thirst*) ħareġ fl-1957. Xogħlijiet oħra tagħha huma *Les Enfants du Nouveau Monde* (*Children of the New World*) tal-1962, *Femmes d'Alger dans leur appartement* (*Women of Algiers in Their Apartment*) tal-1980, u *Loin de Médine* (*Far from Medina*) tal-1991.



Assia Djebar

**IMUT ANDRÉ BRINK TAL-AFRIKA T'ISFEL**

Nhar is-6 ta' Frar 2015 miet ukoll ir-rumanzier André Brink, fl-età ta' 75 sena. Huwa twieled fid-29 ta' Mejju 1935 fi Vrede, fl-Afrika t'Isfel. Huwa miet waqt titjira minn Amsterdam sa Cape Town. Ix-xogħlijiet tiegħu spiss issemmew flimkien ma' dawk ta' Nadine Gordimer u J.M. Coetzee bħala eżempju tal-kapaċità tal-Afrika t'Isfel li tibdel l-esperjenza ħarxa tal-politika razzjali f'letteratura li nfirxet mad-dinja kollha. Bosta mix-xogħlijiet bikrin tiegħu kitibhom bl-ilsien nattiv, l-Afrikaans. Hu kien parti mill-grupp Die Sestigers (ġenerazzjoni tas-sittinijiet), grupp li kien favur is-sekularizzazzjoni, il-modernità, it-tolleranza razzjali u l-libertà sesswali. Fost ir-rumanzi tiegħu: *Rumours of Rain* (1978), *A Dry White Season* (1979), *States of Emergency* (1988), *Before I Forget* u *The Other Side of Silence* (it-tnejn tal-2004), u l-ktieb ta' tifkiriet, *A Fork in the Road* (2009).



André Brink

# l-aħbarijiet

### *BLIND DATE* MA' KTIEB

Nhar il-11 ta' Frar l-Għaqda tal-Malti - Università għamlet *blind date* ... ma' ktieb. Din l-attività bl-isem "l-imħabba (għall-kotba) għamja" saret fil-Kwad. tal-Università. Kien hemm diversi kotba miksija bi ħjiel fuqhom. Min ġie jixtri dawn il-kotba - ħafna minnhom mogħtija minn Liz Groves ta' Island Books Malta - seta' jieħu ħjiel tal-ktieb minn suġġerimenti li kien hemm fuq il-karta iżda l-isem tal-ktieb baqa' mistur. L-attività marret tajjeb ħafna, kemm għax qanqlet interess kif ukoll għax il-kotba nxtraw kollha. Sad-*date* li jmiss, ibqgħu xerrdu l-imħabba.



**L-attività "l-imħabba (għall-kotba) għamja"**

### TAĦDITA DWAR ŻEWĠ ARTISTI MALTIN

Nhar il-5 ta' Marzu l-artist u għalliem tal-Istorja tal-Arti u l-Arti, Hilary Spiteri, ta taħdita b'preżentazzjoni *Power Point* f'rabta mal-ktieb *The Life and Work of Lewis Wirth and Helen Cavarra, their creative partnership*. L-okkażjoni saret fi Stefania's Galleria del Borgo, quddiem il-Knisja Parrokkjali ta' Ħ'Attard. Ta' min jgħid li hemm korrispondenza abbondanti u interessanti li saret fis-snin ħamsin u sittin bejn Wirth u Cavarra. Apparti dan kemm Wirth kif ukoll Cavarra kitbu numru ta' poeżiji. Inħeġġu biex xi darba jew oħra kemm l-ittri kif ukoll il-versi ta' dawn iż-żewġ artisti prolifiċi Maltin jinħarġu għad-dawl permezz ta' pubblikazzjoni xierqa. Hilary Spiteri hu awtur tal-ktieb *Artistic Academic Training in Early British Malta* (2011).

### ŻJARA MIĊ-*CHIEF EDITOR* TAL-OED

Ix-xahar ta' Marzu ra bħala mistieden tad-Dipartiment tal-Malti u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, lill-Prof. John Simpson li għall-aħħar 20 sena kien iċ-*Chief Editor* tal-*Oxford English Dictionary*. Il-Prof. Simpson ta tliet taħditiet pubbliċi: "The OED: a short history of an institution", fis-16 ta' Marzu; "From paper to electronic dictionaries: is it merely a change of media?", fit-18 ta' Marzu; u "A new dictionary of Maltese: what are the issues?", fl-20 ta' Marzu. It-taħdidiet kollha saru f'Dar l-Ewropa, il-Belt, u għalihom kien mistieden kulħadd. Avveniment bħal dan għandu jservi mhux biss bħala għajn ta' tagħrif imma anki bħala ispirazzjoni biex il-Malti wkoll jasal biex ikollu dizzjunarju tiegħu *online*.

### JITNIEDA KTIEB ĠDID TA' ĠORĠ PISANI F'GĦAWDEX

Nhar il-21 ta' Frar 2015 fiċ-Ċentru Parrokkjali ta' San Lawrenz, Għawdex, tnieda l-ktieb ġdid *Darba Waħda - Ġabra ta' Leġġendi Għawdxin miġbura minn Ġorġ Pisani*. Din is-serata ttellgħet miċ-*Ċangura San Lawrenz Folk Group*. Waqt l-istess okkażjoni tnieda wkoll il-Kostum tipiku Malti li se jintuża mill-istess grupp folk.

### LAQGĦA MAL-KITTIEB WALID NABHAN

Nhar il-11 ta' Marzu l-Istabbiliment *Bongo Nyah* f'Marsaskala organizza lejla ta' qari ta' poeżija bil-Malti flimkien ma-kittieb u poeta Walid Nabhan, l-awtur tar-rumanz *L-Eżodu taċ-Ċikonji* li rebaħ il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb tas-sena l-oħra. Nabhan hu wkoll awtur tal-ġabra ta' poeżiji *Fi Triqti Lejha* (2014).



**Walid Nabhan**

# l-aħbarijiet

**"TANK TAL-GWERRA" MIBDUL F'LIBRERIJA AMBULANTI**

Dejjem f'rabta ma' Jum il-Ktieb li f'ħafna pajjiżi ġie ċċelebrat fil-5 ta' Marzu li għadda, Raul Lemesoff biddel 'tank tal-gwerra' - li fil-verità huwa mudell tal-Ford Falcon tal-1979 - f'librerija ambulanti biex ikun jista' jqassam b'xejn kotba differenti fit-toroq spiss vjolenti ta' Buenos Aires. Huwa semma lil din il-vettura-librerija "Weapons of Mass Instruction" u jsostni li dan hu l-kontribut tiegħu biex ixerred il-paċi permezz tal-letteratura u biex jinkuraġġixxi l-edukazzjoni u l-qari. Il-vettura tesa mad-900 ktieb. Lemesoff jagħti ktieb b'xejn lil kull min jixtieq, speċjalment liż-żgħażagħ li jħobbu jaqraw.



Il-tank-librerija ambulanti ta' Raul Lemesoff

**TAĦDITA PUBBLIKA MILL-PROF. HORATIO C.R. VELLA**

Nhar l-20 ta' Marzu 2015 saret taħdita pubblika, bl-isem ta' "Is-Serp, il-Qamar u Taħt l-Art", mill-Professur Horatio Caesar Roger Vella, tad-Dipartiment tal-Latin u l-Grieg, u tal-Arkeoloġija fl-Università ta' Malta. It-taħdita saret f'Sala E, is-Swali tal-Konferenzi Mikiel Anton Vassalli (Gateway), l-Università ta' Malta fl-Imsida. "Is-Serp, il-Qamar u Taħt l-Art" huma tliet realtajiet li jmorru flimkien fil-kunċett tal-Bniedem fl-antik tal-eżistenza tiegħu fil-passat, fil-preżent u fil-futur. It-tlieta li huma jinżlu jew qegħdin taħt wiċċ id-dinja jew Oċeanu, Xmarat il-Mewt, li hija wkoll il-Baħar Mediterran, li mewweġ lejn il-Punent bħal kull kostellazzjoni. Dan l-avveniment ittella' mill-*Malta Classics Association* li tagħha l-Prof. Vella kien l-ewwel President.

**DRAMM TA' LEANNE ELLUL FIT-TEATRU MANOEL**

Nhar l-20 ta' Marzu t-Teatru Manoel *u the rubberbodies collective* bis-sapport tal-Kunsill Malti għall-Arti ppreżentaw l-iskritt rebbieħ tal-Premju Francis Ebejer, *Ma Rridx Immur*, miktub minn Leanne Ellul. Ħadu sehem Ruth Borg, Ryan Cutajar, Marta Vella u Josette Ciappara. Direzzjoni ta' Jimmy Grima. L-istorja ddur madwar Casey, t'għoxrin sena, li għandha marda terminali. Imma l-mewt għaliha mhix problema daqskemm huma problemi dawk li taffaċċja kuljum. Fl-intimità tad-diskors tinkixef ir-relazzjoni ta' Casey - mimlija tensjoni u mdakkra bi ftit ferħ - mal-bqija tal-karattri. Hemm Alfio l-għarus tagħha, nanntu, il-ħabiba ta' Casey, u missierha. Dan tal-aħħar, ħmar il-lejl mit-tfulija li jitla' fil-wiċċ. Il-passat ta' Casey - ardit u kattiv - jibqa' jiġri warajha. Id-dramm jesplora l-ħajja, l-imħabba, ir-rabja u l-mewt, filwaqt li l-ġejjieni hu biss ħolma sfukata.

**JITFAKKAR IL-KITTIEB ALBERT M. CASSOLA**

Nhar it-23 Marzu fit-*Theatre Studio* tat-Teatru Manoel tfakkar waqt lejla mużiko-letterarja l-kittieb Albert M. Cassola (1915-1974). Dan b'kollaborazzjoni bejn PoeżijaPlus u r-*Writers Club*. Fost il-parteċipanti li ħadu sehem kien hemm Arnold Cassola, Oliver Friggieri, Trevor Żahra, Noel D'Anastas u Marco Galea.

**LAQGĦA DWAR IR-REVIŻJONI TAR-REGOLI FUQ L-ORTOGRAFIJA TAL-KLIEM TA' NISEL INGLIŻ**

Nhar l-24 ta' Marzu 2015, f'Dar l-Ewropa, il-Belt, ittellgħet laqgħa dwar ir-reviżjoni tar-regoli fuq l-ortografija tal-kliem ta' nisel Ingliż. Dan seħħ f'kollaborazzjoni bejn il-Kunsill tal-Malti u l-Akkademja tal-Malti. Il-kelliema tal-Kunsill kienu l-Prof. Ray Fabri, il-Prof. Albert Borg u Dr George Farrugia. Ta' min ifakkar li r-regola kurrenti, jiġifieri li dan il-kliem niktbuh fonetikament, kienet daħħlitha l-Akkademja tal-Malti fid-dokument imsejjaħ *Żieda mat-Tagħrif* (1984). Laqgħat oħra simili ma' udjenzi differenti se jsiru 'l quddiem u se jkunu organizzati mill-Kunsill tal-Malti.

# reazzjonijiet

**Email mingħand Mario Griscti, 3 ta' Jannar 2015**

Għażiż Patrick,

Niżżikħajr ta' IL-PONT- Jannar 2015.

Interessanti mill-"qoxra" tiegħu sal-aħħar paġna. Aġġornat u b'riħet hekk, joħorgu kemm joħorġu edizzjonijiet tiegħu, jibqa' żagħżugħ. L-editorjal tiegħek, kien aktar minn interessanti.

Fakkarni fi kliem l-Iskrittura Mqaddsa, "Jitniżżlu s-Setgħana minn fuq it-Tron tagħhom, u jitgħollew iċ-Ċkejnin", għaliex minbarra li tajt damdima mistħoqqa lill-politiċi li dmirhom ma jaqduhx u li jaħsbu li saru allat, ikkwotajt xogħlijiet u intervisti letterarji u ta' letterati (kittieba intellettwali li ma jibżgħux mir-riskju u allura jagħmilhom intellettwali ta' veru) biex issaħħaħ l-argument.

Patrick, lilek u lill-familja tiegħek kollha, nixtieqilkom Saħħa, Sliem u Ġid f'din is-sena 2015 u dejjem.

B'Imħabba
Mario.

**Email mingħand Carmel G. Cauchi, 2 ta' Frar 2015**

Għażiż Patrick,

Nirringrazzjak minn qalbi għar-rivista elettronika IL-PONT li regolarment kull xahar nirċievi mingħandek. Irrid ukoll nifraħlek għal din il-biċċa xogħol sabiħa u utli li qiegħed tagħmel b'risq il-letteratura tagħna. Barra milli żżomm il-kittieba aġġornati ma' dak li qiegħed jiġri fil-qasam letterarju kemm Malta kif ukoll barra, tagħti wkoll wisa' lill-awturi biex joħorġu għad-dawl ix-xogħlijiet tagħhom, u toffri wkoll tagħrif u reċensjonijiet dwar il-kotba pubblikati. Aħna l-kittieba għandna għax nifirħu li sibna bniedem bħalek li qiegħed jagħtina dan is-servizz bla ebda ħlas.

Jiena nsib IL-PONT interessanti u varjata ħafna, u niskanta kif inti, wieħed waħdek, mgħobbi kif int b'ħafna xogħol ieħor, irnexxielek tkabbarha għal 16-il paġna u żżommha daqshekk konsistenti u regolari. Bla ebda dubju, IL-PONT qiegħda timla vojt li jirriżulta mill-assenza ta' paġni letterarji fil-ġurnali lokali. Minn qalbi nifraħlek u nirringrazzjak. Nitolbok tiskużani li ma ktibtlekx qabel biex nuri l-apprezzament tiegħi għall-ħidma wtieqa tiegħek.

Qiegħed ukoll inwieġeb għall-istedina tiegħek biex nibagħtulek xi kitba qasira għal fuq ir-rivista. Qiegħed nehmeż file b'żewġ poeżiji tiegħi biex, jekk u meta tara xieraq iġġibhom f'xi ħarġiet differenti tar-rivista.

Grazzi mill-ġdid u tislijiet mill-qalb.
Ħabibek,
Carmel.

**Email mingħand Lina Brockdorff, 4 ta' Marzu 2015**

Għażiż Patrick,

Bħas-soltu grazzi u prosit ta' IL-PONT. Kemm naqbel miegħek dwar il-punt li ktibt dwaru fl-editorjal: imtlejna bl-istazzjonijiet tar-radju u tat-televixin li fil-biċċa l-kbira tagħhom ħlief *trash* jew bil-Malti 'imbarazz' ma jippreżentawx. Għamilt ħabta nċempel immedjatament, imma issa sar impossibli biex inlaħħaq magħhom kollha u qtajt qalbi. Mhux talli ma jippreżentawx materjal edukattiv imma f'dawk li soltu kienu l-aqwa programmi ta' filgħodu, ukoll fuq Radju Malta qed jaqgħu f'ċertu doppju sens u kliem suġġestiv ukoll ma' dawk is-semmiegħa boloh li jkomplu magħhom. Imissna tassew nistħu! U ħadd ma jagħti kas!

Lina.



# l-intervista

## Joe M. Attard



Il-Kav. Joe M. Attard

**Innutajt li f'Għawdex regolarment qed jittellgħu Serati Letterarji f'rabta ma' okkażjonijiet differenti matul is-sena. Tista' ssemmi xi wħud mis-serati li ttellgħu fl-2014? X'seħħ matulhom?**

Forsi ma ngħidx regolarment imma nipprova kull tant żmien inħarrek l-ilma biex ma nħallihx joqgħod u tirkibna l-bruda. Matul is-sena li għaddiet, billi llum jien ngħix bil-pensjoni u allura ħafna drabi jkolli xi ftit ħin liberu, noħlom b'xi ħaġa u nipprova nattwaha fejn tidħol il-kitba bil-Malti. B'xorti tajba tgħallimt ftit *computer*, kemm niddobba u allura kapaċi nżomm kuntatt mad-dinja ta' barra minn dari u nagħmel ħafna kuntatti. Matul is-sena jkun hemm żmenijiet partikulari, bħal ngħidu aħna l-Karnival, żmien il-Milied, il-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa, l-istaġun tal-festi matul is-sajf, xi okkażjoni li kultant tinqala' kif ngħidu minn ġol-ħajt, bħall-mewt tal-poeta Għawdxi Dun Ġorġ Mercieca (xi żmien ilu tlifna wkoll lil Baruni Kelinu Vella Haber) u oħrajn. Fl-2014, kont għamilt serata tal-Karnival, oħra matul ir-Randan, oħra matul is-sajf u oħra matul il-Milied. Ġeneralment isiru fil-Librerija Pubblika t'Għawdex, post ideali, narah jien, għal okkażjonijiet bħal dawn, imma meta din ma kenitx tkun disponibbli, ġieli mort iċ-Circolo Gozitano fi Pjazza Savina, inkella fis-Swali tal-Ministeru għal Għawdex fi Pjazza San Franġisk.

**Min hu l-moħħ wara inizzjattivi bħal dawn u kemm qed jintlaqgħu tajjeb mill-pubbliku Għawdxi?**

Kif għidtlek, la għandi l-ħin, il-moħħ inkun jien li navviċina lil kittieba Għawdxin (Għawdex gżira żgħira u nafu sew lil xulxin u dan l-aħħar ħriġt ktieb dwarhom) u dawn dejjem taw widen għas-sejħa li għamiltilhom u jadattaw ruħhom skont iċ-ċirkustanza. Nista' ngħid li l-attendenza qatt ma kienet nieqsa iktar u iktar meta nistieden xi kor u allura tifhem li dawn iġibu magħhom ukoll bosta drabi lil ħbiebhom u lil qrabathom.

**Fi Frar li għadda saret serata letterarja simili biex tfakkar ix-xahar mill-mewt ta' Dun George Mercieca. Kemm kien jattendi Dun George lejliet bħal dawn u x'kien l-involviment tiegħu?**

Fl-20 ta' Frar, qrib għeluq ix-xahar mill-mewt tal-Poeta Għawdxi Dun Gorg Mercieca, il-Poeta ta' Santa Marija, avviċinawni żewġt iħbieb u wrewni bix-xewqa tagħhom li nfakkru lil dal-Poeta li kull meta tlabtu biex jieħu sehem magħna f'dawn is-serati, qatt ma qalli le; kull meta ma setax jiġi, kien jibgħatli xi materjal biex jinqara waqt dik il-lejla. Kont niltaqa' miegħu ta' spiss fit-toroq ta' beltna u nitkellmu bosta drabi fuq il-Malti u l-kliem mill-ewwel jaqa' fuq xi pubblikazzjoni li kien qed jaralha l-Malti; ta' kull sena kien jitlobni xi forma ta' kitba għal pubblikazzjoni annwali tal-festa tal-Assunta meqjuma fil-Katidral tagħna fejn Dun Ġorġ kien ikun joffri s-servizzi u l-għajnuna tiegħu. Għal tant snin kien id-Direttur spiritwali tal-Banda Leone li tieħu ħsieb, il-festi esterni tal-Assunta.

**Serati bħal dawn ikunu miftuħin għal kulħadd, anki biex jipparteċipa attivament billi jaqra xi kitba minn tiegħu. Ikun hemm parteċipazzjoni min-naħa tal-Maltin jew anki ta' barranin?**

Iva, mhux darba u tnejn inqabbad xi qarrejja Għawdxin biex jiġu jaqraw xi xogħlijiet ta' Kittieba Għawdxin b'mod speċjali ta' dawk li kienu mietu; fil-fatt hekk għamilt dan l-aħħar fis-serata f'ġieħ Dun Ġorġ Merecieca. Illum għandi madwari għadd ta' qarrejja tajbin li nużahom ukoll meta nikteb xi *feature* letterarju għal fuq ir-Radio tal-Parroċċa jew Radio Calypso fejn ikun kull nhar ta' Erbgħa bil-lejl. Barranin ma għandix imma naf li jeżisti nukleju ta' Ingliżi residenti f'Għawdex li ta' kultant żmien jiltaqgħu f'xi taverna u jagħmlu xi *poetry reading*.

**X'hemm ippjanat iktar għas-sena 2015?**

Jekk il-Mulej jislifni l-għomor u s-saħħa, naħseb l-ewwel attività li jmiss tkun serata fil-bidu tal-istaġun tal-festi; hawn Għawdex jiftaħ mal-aħħar

*weekend* ta' Mejju bl-ewwel festa tkun dik fil-Munxar iddedikata lin-Nawfraġju ta' San Pawl. Imbagħad naraw x'jiġri għax il-qawl jgħid iż-żmien itul u l-qarn idur!



**Il-pubbliku li attenda għas-serata ddedikata lil Dun George Mercieca**

**ĦALLUNI NIEĦU R-RUĦ**

***(waħda minn 3 poeżiji li nqraw waqt is-serata li ttellgħet fir-Rabat, Għawdex f'għeluq ix-xahar mill-mewt tiegħu)***

Kont miexi fil-kampanja
u mort infittex fjura
u ġrejt għalxejn fuq l-għolja...
Kif għabet kollha ħdura!

U ġrejt fir-Rabat t'Għawdex
ħa nserraħ ftit għajnejja;
rajt kullimkien karozzi,
u tarmak taħt riġlejja.

Xi dwejjaq f'dawn it-toroq,
tintilef fl-isqaqien;
ħitan wieħed mal-ieħor,
ma tieħu nifs imkien!

Imbagħ'd inżilt sax-Xlendi
biex forsi nieħu r-ruħ,
ħassejtni ġewwa gaġġa
u dgħajsa mingħajr qlugħ.

Dawk l-ilmijiet kaħlana
l-għerien ileqqu deheb
spiċċaw għal kollox f'daqqa;
fejn hu missieri Żepp!

Ħassejtni f'katakombi
qalb oqbra miftuħin!
Kif jasal biex dal-bniedem
jaħfen ġmiel il-bnedmin!

Ma flaħtx! Mort sax-Xewkija
biex nara x'kien se jsir;
u ħsibt: 'ma ndumx ma nara
dak l-ajruplan itir!'

U tlabt: 'Mulej eħlisni
minn dan id-djuq u l-ġuħ;
oħroġni ftit fil-wisa';
ħallini nieħu r-ruħ.'

**DUN GEORGE MERCIECA**

**MARIJA ADDOLORATA**

Min qatt jista' jasal jifhem
x'ħasset l-Omm tagħna l-bnedmin
meta rat lil Binha mdendel
bejn dawk iż-żewġ ħallelin!

X'qatt kien għamel dana l-Iben
sabiex tawh mewta bħal dik!
Kellu bżonn Passjoni jġarrab
biex ikun jista' jifdik!

Hekk pattietlu dik il-folla
li lilha m'għamilx ħlief ġid
billi ma' salib dendlitu
b'dawk l-imsiemer tal-ħadid.

U l-Omm li wellditu f'Betlem
ma fdatux għal mument wieħed
baqgħet miegħu sal-Qorriegħa
fejn ratu għan-nifs jissielet!

Ma' xi nisa baqgħet sejra
u ma' Ġwanni l-maħbub
sa ma l-ġebla l-qabar tebqet
minn quddiemha ratu jdub!

O Marija Addolorata
Għall-kenn tiegħek aħna ġejna;
miegħek naqsmu dad-duluri -
fid-dmugħ jgħumu dawn għajnejna!

Inwegħduk illi lil Ibnek
m'aħniex iktar ser nonqsuh
fuq il-għolja tal-Kalvarju
ma rridux illi nwassluh!

Għinna nindmu minn ħtijietna
biex ngħixu ta' vera nsara;
kun int li ddawwal ħajjitna
u dlonk begħidna minn kull ħsara!

**KAV. JOE M. ATTARD**

Victor V. Vella B.A. M.A.

**IS-SEĦER TAL-KLIEM**

Kultant jiġu! Kultant jiġu mumenti, veduti, xeni, risposti, għemil li għal sekonda jaħsduk bis-sbuħija u bis-sempliċità tagħhom. Forsi għalhekk jaħsduk għax jolqtuk għal mument. Terġa' tħares lejn is-sema ħamrani ta' nżul ix-xemx u f'tebqa t'għajn tara xena differenti, għax ix-xemx iċċaqalqet kemm kemm u allura s-sħab ħa dehra oħra u l-kuluri tbiddlu. Allura x-xena li għal sekonda kienet memorabbli marret u spiċċat u diffiċli biex terġa' taraha. U s-sinfonija ntilfet ħesrem!

Il-kliem mhux hekk. Mhix l-ewwel darba li tkun taqra xi ħaġa u tiltaqa' ma' xi sentenza jew aħjar frażi qasira li hekk kif taqraha tolqtok u terġa' taqraha u għal xi raġuni jew oħra tgħożżha. Oħroġ il-għaġeb il-kitba tajba mimlija bihom. Bħalma kultant tisma' xi erba' noti li jolqtuk u jibqgħu itambru f'moħħok - jekk mhux ukoll f'qalbek - bħall-ewwel sitt noti tas-sinfonija Nru 5 ta' Beethoven li bħal taħbita ritmika fuq bieb, tħoss li jekk u meta tiftaħ il-bieb se ssib xi sorpriża li se sserrħek u tikkwetak. Jista' jkun ukoll li dawn in-noti jiftħulek tip ta' bieb ieħor u jġegħluk timmedita u taħseb fil-fond fuq il-ħajja.

Din hi parti mis-seħer tal-kliem: erba' jew ħames kelmiet li kif inhuma miktubin u poġġuti flimkien hekk kif taqrahom iqajmulek ix-xewk f'dahrek u jġegħluk tifraħ jew tibki magħhom, mingħajr ma toqgħod tanalizzahom u tiflihom … ħalli dan tagħmlu wara! Jolqtuk hekk kif taqrahom. Jista' jkun minħabba l-ħoss tal-kliem stess, jista' jkun minħabba t-tifsira tagħhom, tax-xena li joħolqulek f'moħħok jew dak li jġibulek lura mill-passat. Kulħadd jaf hu, għax fid-dinja tal-individwi dak li jolqot lili mhux bilfors jolqot lilek. Is-sabiħa hi li mhux faċli li taqsam il-ferħ u l-ġenn tal-ferħ ta' xi ħaġa bħal din, ma' xi ħaddieħor. X'aktarx naslu sa 'Kemm ħadt pjaċir meta qrajt dik l-istrofa ta' ...', jew 'Kemm hi sabiħa u kemm iddoqq …' U dak li jkun jisimgħek x'aktarx jibqa' kiesaħ daqs biċċa silġ, mormija fit-triq biex tinħall.

Hawn min jgħid li dan is-seħer fil-kliem x'aktarx isir fil-qosor. Snin ilu awtur Ingliż famuż, Samuel Johnson, qal: "Brevity is the soul of wit". Il-qosor hu l-qofol tad-dehen. Ħaġa tolqtok, timpressjonak għax qasira, għax f'ħames/għaxar kelmiet l-awtur irnexxielu jpinġi xena memorabbli jew xi ħsieb fond. Bħal meta kompożitur b'għaxar noti joħloq melodija li tibqa' f'widnejk jew pittur li b'erba' linji joħloqlok figura li tibqa' għal dejjem imwaħħla f'moħħok.

Bħalma semmejt qabel, x'jogħġbok jew ma jogħġbokx hi ħaġa personali. Imma trid tkun tal-azzar jew tal-ġebel samm biex ma tarax xi ħaġa maġika fi kliem bħal dan meħud mill-poeżija *Armageddon* ta' Victor Fenech, poeta Malti kontemporanju:

'Siekta l-qanpiena qadima tal-irdum  
u s-sikta tinħass tmewweġ fuq ix-xagħri f'tarf il-jum.'

Tista' tgħid li din is-silta hi milquta minn kollox. Fiha l-ħsejjes li joħolqu l-kwiet ta' filgħaxija, b'dawk l-'essijiet' u l-użu effettiv tal-ittra/ħoss tal-'m'. Titpaxxa wkoll l-għajn għax il-poeta joħloq f'żewġ versi, xena ta' filgħaxija, xena l-vera Maltija, kompluta bil-qanpiena qadima, bir-rdum u wkoll bix-xagħri. Il-kelma 'tmewweġ' għalija hi l-kelma maġika li tolqot il-widna kif ukoll l-għajn u tiġbor u tgħaqqad ix-xena kollha.

Jew isma' u ara l-feluka ta' Falzon fil-ktieb *Raġel bil-Għaqal* ta Ġużè Galea, 'għaddejja żżiġġ f'wiċċ l-ilma u taqta' qisha ħawwiefa, iż-żiffa li issa tqawwiet, il-qlugħ infetħu u mtlew, is-sarsi u l-istrallijiet bdew jiġġebbdu u jżaqżqu', li avolja forsi ma tafx l-istrallijiet x'inhuma, xorta tħossok li qiegħed tbaħħar f'żiffa riħ Tramuntana b'saħħitha!

Għall-veduti ma naħsibx li għandna fil-letteratura Maltija xi ħadd li jgħaddi lil Dun Karm. Veru li jieħu t-tul tiegħu biex jiddeskrivi, imma l-effett hu b'saħħtu u fl-istess ħin kalmanti. Bħall-ewwel erba' versi taż-*Żjara lil Ġesù*:

'Kienet il-ħabta  
li d-dwieli jinżgħu u lis-sid iroddu  
l-aħħar għenieqed u maż-żiffa ħelwa  
itir il-weraq isfar u jitgħajjeb …',

u jkompli sejjer bid-deskrizzjoni fejn wieħed jista' jxomm u jara u jħoss li s-Sajf wasal fit-tarf tiegħu u l-Ħarifa qiegħda fuq l-għatba. Min jaf l-*Ode to Autumn* ta' Keats, poeta Romantiku Ingliż, żgur li ma jonqosx li jqabbilha mal-ħafna vinjetti jew kwadri żgħar li fiha din il-poeżija ta' Dun Karm.

Mhux ta' b'xejn li sa nagħti iżjed eżempji mill-poeżija milli mill-proża. Donnha l-poeżija hi iżjed adattata biex tesprimi fil-qosor dawn ix-xeni b'ċerta maġija. Jista' jkun minħabba r-ritmu li fil-poeżija jilgħab iżjed parti importanti. Jew ukoll minħabba l-fatt li l-poeżija tagħtik ċans li dak li trid tgħid, biex tgħidu tista' tuża iżjed taqbil u lingwa metaforika mill-proża. Bħal ngħidu aħna żewġ versi meħudin mill-ktieb *Fis-Setaħ għar-Rwieħ* li kont ħrigt snin ilu :

'Il-pulzieri twalu u saru mili.
Il-ħbiberija saret qasira u nofsha mejta …',

fejn l-awtur qiegħed iqabbel id-distanzi kemm bejn il-postijiet kif ukoll bejn in-nies, ta' pajjiż żgħir ma' dawk ta' pajjiż kbir.

Ma nistax nagħlaq mingħajr ma nsemmi kitba li għalija hija waħda mill-ġawhar tal-letteratura Maltija fejn fl-aħħar erba' versi ta' *Żagħżugħ ta' Dejjem* Dun Karm jagħtina kwadru li hu komuni u fl-istess ħin ta' mistrieħ għall-għajnejn kif ukoll għall-widna. Dan kollu hu mpinġi b'ċerta sempliċità li toħloq atmosfera ta' kwiet u ta' żgħożija li hi t-tema tal-poeżija.

Bl-użu tal-kliem onomatopejku bħal 'tinbex' u 'tħaxwex' il-poeta joħloq xena kompluta, kwadru sħiħ li jġiblek quddiem għajnejk ħsejjes, oġġetti u għemil ta' tfulitek. Taħlita sħiħa ta' ħsibijiet, ta' veduti kif ukoll ta' moviment li żgur li jqajmulek ħafna ħsibijiet u jserrħulek il-memorja:

'… tilgħab b'werqa tal-alka.
jew b'sebgħek tinbex xi bebbux bil-bejta,
u tħaxwex dik l-għanja
li tgħallimtha fil-bidu u qatt ma nsejtha.'

***ŻAGĦŻUGĦ TA' DEJJEM*** **(Silta)**

Nistħajjel għadhom fuqi
dawk ix-xmux li bisuni fit-tfulija,
u nħoss taż-żmien is-sikka
tħarbex fuq ġbini r-radda tax-xjuħija;

tifrex dlielha l-balluta,
dliel sfieq u ħodor bħalma kienu darba,
meta tfajjel fuq ruħi
kont għar-raba' mid-dar naħrab xi ħarba,

iżda t-tiflil tal-qoxra
fuq zokk li jdur xi żewġt iqjiem jew tlieta,
jgħid storja ta' xjuħija
bħalma kellhom fiż-żmien ommha u nannietha;

sa fuq l-iebes taż-żonqor
li jsewwed taħt is-silġ tal-Alpi, il-lima
tgħaddi tas-snin u tħalli
il-barxa li turik kemm hi qadima;

fuq wiċċek biss, ja baħar,
żagħżugħ ta' dejjem, jgħaddu s-snin bil-mija,
bl-eluf u bl-għaxart elef,
u qatt ma jonqxu l-għelma tax-xjuħija;

fik il-milja tal-ħajja;
qalbek tħabbat bla hedu u sidrek magħha
jofrogħ u jimla, u tgħoddlok
il-mewġa fuq ix-xtut it-taħbit tagħha,

u bħal wieħed li ġarrab
il-ħakma tal-imħabba, int 'l-art ħanina
tħaddan u tbus u tkellem,
u l-kelma li tgħidilha hi safja u bnina!...

**DUN KARM PSAILA**



# ktieb mill-qrib

Carmel Scicluna




**F'ĦALQ IL-LUPU ta' Carmel Scicluna, Pubblikazzjoni Horizons, 2015.**

Ambrogio u Selene jidhru kopja normali u tal-affari tagħhom. B'qalb nobbli li addottaw tifel. Eliodoro - transesswali. Madankollu, taħt il-qoxra tal-ħajja komda u sinjuruna ta' dil-familja, hemm sigrieti kbar, strambi, disturbanti.

Min jobsor x'inhuma l-ġibdiet karnali perversi ta' Ambrogio? Min jaf minn liema turment għadda hu u jikkumbattihom f'żgħożitu?

X'inhu l-iskop li dil-familja tħaddem minn taħt il-taħt porn studio u aġenzija għall-immudellar tat-*teenagers*, il-biċċa l-kbira Ukrajini fqar?

X'qiegħed jagħmel Ambrogio fil-mażunerija?

Min huma l-Illuminati? Min hu l-"Papa"? Fejn jidħlu n-*New World Order*? U r-reliġjon waħda għal kulħadd li kellha tieħu post il-Kristjaneżmu fin fin?

Nadifa, tifla Sirjana li tgħix Malta ma' missierha u żewġ ħutha subien akbar minnha, issib ruħha f'kobba mħabbla ma' din il-qatgħa nies biżarri u ta' qattagħni. X'se tagħmel biex tiżgiċċa minn ħalq il-lupu u ma tispiċċax bħall-bniet ta' qabilha?

*F'Ħalq il-Lupu* hu l-ħdax-il xogħol letterarju bil-Malti ta' Carmel Scicluna, ir-raba' rumanz tiegħu, it-tielet ktieb ippubblikat minn *Horizons*. Scicluna ilu joħroġ kotba għal dawn l-aħħar għoxrin sena. L-ewwel ktieb tiegħu kien ġabra ta' stejjer tal-biża'. Miktub fuq tajprajter Antares 135. Tlesta meta l-awtur kellu 23 sena, ftit żmien biss wara li l-awtur iggradwa fil-Farmaċija. It-tieni ktieb ta' Scicluna ħareġ sentejn wara fl-1997. Kien jismu *Għall-Imħabba ta' Lesbjana*. Qajjem kontroversja kbira partikolarment minħabba żewġ stejjer – waħda fuq tfal abbużati waqt orġja satanika u oħra fuq żewġ lesbjani. Min għolla l-ktieb mas-smewwiet u min sabbtu mal-art. Dal-ktieb sa kien ġie ċċensurat mil-Librerija Ċentrali Pubblika ta' Beltissebħ, u diversi sidien ta' ħwienet tal-kotba ma riduhx. Sa attakkaw lill-awtur u qalulu li ma kellux jikteb kotba "fuq l-imħawdin". Kienet l-ewwel darba li awtur qatt ħareġ ktieb li azzarda jsemma l-kelma 'lesbjana' fit-titlu. Minkejja kollox, il-ktieb kien *bestseller* u ma fadalx kopji stampati tiegħu fis-suq. Scicluna dam jomgħod ir-reazzjonijiet differenti li kellu fuq it-tieni ktieb tiegħu. Sakemm seba' snin wara ddeċieda li jibdel ir-rotta letterarja, u minflok kitba ta' divertiment jibda jikteb letteratura serja u impenjattiva. F'*In-Nofs Mudlam* ġew introdotti t-temi li Scicluna baqa' jiffoka fuqhom minn dakinhar 'l hemm: l-identità u l-kriżi marbuta magħha; is-sesswalità u l-erotika; il-parodija soċjali; il-bniedem fil-periferija tas-soċjetà; u l-vjolenza ta' kull għamla. L-awtur ma setax isib pubblikaturi daqqa minħabba raġunijiet ta' biża' mix-xogħol awdaċi li jidħol għalih l-awtur u daqqa minħabba kalkoli finanzjarji. Dawn li ġejjin ingħataw bħala donazzjoni mill-awtur lil-Librerija Pubblika Ċentrali ta' Beltissebħ: *Miss Wilma* (stejjer, 2011); *Lavberds* (rumanz, 2011); *Barney l-Ispiżjar* (rumanz, 2012) u *Jasmina* (poeżiji, 2013). *Ossessjoni* kien rumanz qasir u disturbanti dwar pedofilu li jossessjona ruħu fuq tifla tal-iskola. B'konsegwenzi traġiċi. Il-ktieb kien intlaqa' b'suċċess kbir mill-kritiċi u mill-qarrejja ta' kull età. Bih l-awtur rebaħ l-ewwel premju tal-Kunzill Nazzjonali tal-Ktieb u tal-Aġenzija Żgħażagħ. Il-ktieb kien ġie ppubblikat minn Merlin. Fit-2014 Carmel Scicluna ħareġ *Il-Kummidjanti tal-Parlament*, stejjer li jirridikolaw uħud mill-parlamentari lokali. *Feruti*, il-ktieb ta' wara li ħareġ fl-istess sena, fih

stejjer ta’ diqa fuq imsejkna u sprivileġġjati li raw ħafna ma’ wiċċhom.

*F’Ħalq il-Lupu* hu rumanz li jista’ jintgħoġob kemm mill-qarrej medju li tinteressah l-istorja rrakkontata tajjeb ħafna, u kemm mill-qarrej imżejjen bid-don tad-dixxerniment letterarju kritiku li jfittex qari impenjattiv li jistimulah. *F’Ħalq il-Lupu* se joffri sfida żgur.

Għall-qarrej li jħobb xi ħaġa differenti mis-soltu, jixtieq storja mimlija intriċċi, u ma jridx iħabbel moħħu, *F’Ħalq il-Lupu* jista’ jinqara faċilment bħala *triller*. Hu ktieb minn dawk li taqbdu u ma titilqux minn idejk qabel ittemmu.

Għal min, mill-banda l-oħra, iħobb ifittex elementi letterarji f’rumanz minsuġ għal żminijietna, *F’Ħalq il-Lupu* se jħallih b’togħma tajba u jissodisfah xorta oħra. Dan it-tip ta’ qarrej se jsib fl-aħħar xogħol ippubblikat minn Scicluna elementi letterarji bħall-*foreshadowing*. U s-simboli li jintużaw mill-mażuni. Se jsib ukoll il-metafori, il-motifs rikorrenti, ix-xbihat marbutin ma’ xulxin f’kapitli differenti, l-ismijiet tal-personaġġi b’tifsira relevanti, u l-frammentazzjoni strutturali li tirrifletti l-qsim psikoloġiku f’żewġ karattri prinċipali.

*F’Ħalq il-Lupu* hu ppubblikat minn *Horizons* u jinsab għall-bejgħ mill-ħwienet kollha. Għandu jinxtara minn min iħobb ġrajjiet letterarji impenjattivi daqskemm divertenti.

**UNFORTIFIED SOUL**

I surrender my soul,
to you reader,
imprinted
on the whiteness of paper,
unfortified.
Every page an unguarded door.
Words, lines, verses,
my ammunition.
I bow with lightening dismantled
in front of you reader.
Indulgence I don’t beg for
and hostage at last
I let out myself
in your judgment.

**ZACHAOULA GAITANAKI**
*Il-Greċja*

**COFFEE? - COFFEE**.

I brewed it with love, showered with my kisses
and poured in a mint green Thai Celadon mug.
It settled there and gave me joy
in intervals of one minute sips
Oh, that the patch in rural northwestern
Guatemala far away would bring a yield
and serve me this - my perk, my morning
delight, my heart's desire.

And time could go on making me oblivious
to cares of day, find me dancing to music
I alone could hear.

I have to go on with my sips, get the best
from these, grab every precious moment
before aroma fades and cup turns lifeless cold
leaving only a bitter taste in lip-stained cup
where once the coffee was so good.

And so it is with feelings- nurture them
take your sips to savor all the best
there is in peace of mind and heart and soul.

And when you sink to all time lows
and sometimes hit rock bottom
Do not stay there, do not give up.
Learn to tread and float and tell yourself
it's time again to brew a fresh new pot.

**ELMA D. PHOTIKARM**
*L-Istati Uniti*



# ir-rakkont

Carmen Refalo

**IL COMPIANTO SUL CRISTO MORTO**

Il-knejjes ta' Bologna kollha laqtuni; bil-ġmiel, bil-kobor u bir-rikkezzi tagħhom. U kollha huma mogħnija biż-żmien. F'ħafna minnhom issib sett ta' seba' statwi kbar, daqs ta' bniedem, bl-isem 'Il Compianto sul Cristo Morto', li juru sitta min-nies imdawrin ma' Kristu mejjet. Kull sett huwa biċċa xogħol mill-isbaħ imma l-iżjed wieħed ta' valur huwa dak oriġinali li jinstab fil-knisja msejħa 'Santa Maria della Vita'.

Wara li dħalt fil-Knisja u sellimt lis-Sagrament, imxejt lejn il-lemin f'kappella ma' ġenb l-artal maġġur u sibt ruħi quddiem 'Il Compianto', statwi tat-terracotta li nħadmu mill-iskultur Niccolò dell'Arca fis-seklu ħmistax.

Ħarsti marret mal-ewwel fuq Marija, bil-wieqfa, kważi fin-nofs, l-eqreb waħda lejn binha mejjet, b'rasu tistrieħ fuq l-imħadda mal-art. B'għajnejha baxxuta, b'xufftejha mfasslin f'bikja ta' wġigħ li qed jifniha minn ġewwa, waqt li jdejha t-tnejn, magħquda f'ponn, waħda fuq l-oħra mqegħdin fuq sidirha ġegħlitni nħoss il-weġgħat qawwija tad-dulur. U ħarsti waqfet fuqha u ħassejtni omm bħalha u fhimtha.

Mingħajr ma ridt, ħarsti insterqet minn żewġ personaġġi fuq il-lemin, li għadhom kemm waqfu t-tnejn f'daqqa ħdejn riġlejn Ġesù mejjet. Ġew jiġru, jixhru u jgħajtu b'idejhom miftuħa u bi ħwejjiġhom iperpru bir-riħ li qanqlu huma stess. Kienu Marija ta' Cleophas u Marija Magdalena, żewġ nisa fl-aqwa taż-żgħożija maħsuda bil-firda tal-mewt.

Fuq il-lemin ta' Marija, wieqaf fin-nofs, ilmaħt lil Ġwanni. Bil-pala ta' jdejh ix-xellugija qed iżomm il-minkeb tal-leminija, u b'dil-pala jżomm geddumu, waqt li b'rasu mxengla juri kemm hu ħosbien. Stħajjiltu qed jgħidli,

'Dan Ġesù li hawn mejjet! Spiċċa kollox? Kif jista' jkun?'

Ħarsti mxiet lejn Marija Salome wieqfa ħdejn Marija fuq il-lemin li fis-skiet u bil-kwiet tagħha qed taqsam id-dulur magħha.

U fuq il-lemin tagħha rajt lil Ġużeppi t'Arimathea li b'ħarstu baxxuta jidher jistenna bis-sabar kollu li jbatti l-biki u jieqaf id-dmugħ biex wara jkun jista' jlesti l-biċċa xogħol li tmiss lilu f'dan il-jum.

U Ġesù, fis-sliem mal-art, juri biċċa xogħol mitmuma. Iż-żewġ nisa maturi jżommu n-niket kemm jista' jkun moħbi fis-skiet; waqt li t-tnejn l-oħra bla ma jaħsbuha jgħajtu, jikbu u jolfqu. Hemm raġel ħosbin għal dak li għad irid isir u l-ieħor li jistenna sakemm kollox jerġa' jiġi għalli kien.

Xi ġmiel ta' biċċa xogħol! Niccolò dell'Arca ħaqqu prosit; ħallielna biċċa xogħol ta' valur kbir!



# il-poeżiji

**QAWSALLA**

Xi darba, għad tiġi l-qawsalla,
b'kuluri li jgħammxu l-għajnejn,
qawsalla li tbexxaq swidija,
li ħakmet u għafset għalxejn.

Xi darba, għad toħroġ qawsalla,
tibżax, xi darba għad tiġi,
Min jaf? Tgħid tiġi bil-moħbi?
Bil-mod? Bil-għaġġla? Bil-mixi?

Xi darba, għad nilmaħ qawsalla,
tkun pont bejn qlub mifrudin,
li weġġgħu 'l xulxin bla ma riedu,
li għadhom 'il bogħod... miksurin.

Xi darba, għad tiġi l-qawsalla,
b'saħħitha u x-xitwa ninsiha,
u demmi mill-ġdid jasal f'qalbi,
u ħajti mill-ġdid nifraħ biha.

Xi darba, għad toħroġ qawsalla,
bħall-mina li tofroq il-blat,
issewwi l-inkwiet u id-dwejjaq,
ta' ħwejjeġ li ġraw fil-passat.

Xi darba, għad nilmaħ qawsalla,
bid-daqq t'orkestra tfajliet,
ħafjin, bjondin, lebsin l-abjad,
bil-kant li ġej mis-smewwiet.

**EMMANUEL CACHIA**

**TBATIJA/REDENZJONI**

gwerer u kurċifissi,
terrur- biki u dmugħ,
twiebet/kalvarji.

mill-wiċċ isfar ta' kristu bla pajjiż,
stajt nara l-isperanza kull kulur,
twaħħal bandiera f'ras il-qurriegħa.

kanuni jfittxu d-demm u l-waqfien zoptu.
krietel tad-droga,
slaleb tan-nar u spettri bil-barnużi.

mill-ġerħa vit miftuħ, materja w dmija,
hemm redenzjoni sħiħ'għalik- għalija.

**MARIO GRISCTI**

**ĦALBA XITA**

Kull min kien barra
daħal għall-kenn jitgeddes;
ħareġ il-bebbux!

**LINA BROCKDORFF**

**TERRORE**

Sulla collina risplende il sole giornaliero
e la gente va e viene
senza accorgersi di quello
che sta accadendo nel mondo lontano.
Invano
i giornali cantano eternamente le strategie dei regnanti.
La vita continua e l'esistenza
come una carta straccia in mano dei bambini
scivola e grida con rancore.
L'umanità soffre sotto una croce senza braccia
sotto l'aumento intenso del terrore.
La gente sulla collina sta spalancando le finestre
per riguardare la bellezza dei fiori,
lontano dal terrore
del dolore.

**CARMEL MALLIA**
**(minn *Poe*, Dom Communications Ltd., 2014)**

**LIT-TAJRA**

Tgħaxxaqt narak tittajjar
fis-sema ħielsa ttir
u nibtet xewqa fija
li qatt ma nkun ilsir.

**CHARLES CASHA**
**(minn *Mumenti*, 2013)**

**ĦAJKU**

Blu, aħmar, aħdar
liem'hu l-aħjar kulur tgħid?
Kif tqażżist naħseb!!!

**MIRIAM ELLUL**

**SELMUN**

Qed jisbaħ. . .
Għajjien
niżel jistrieħ wara l-għolja l-qamar.
Daqshekk id-dawl bajdani
snien tarbija;
daqshekk ir-rifless silġi
tar-raġġi fuq tafal Malti.

Dawl ieħor qed jitwieled
minn wara x-xefaq ħamrani
donnu mistħi, għal waqt,
jistaħba wara sħab griż, imbiegħed,
wara d-dell ta' għoljiet fil-qrib.
Iċ-ċafċifa tal-baħar jitbewwes max-xtajta
ma waqfitx
donnha taf li bqajt imqajjem
ma siktitx.
U ż-żiffa melliesa . . .

Qed jisbaħ il-jum fl-aħħar!
Twil hu l-lejl
twil aktar mill-mixja
tal-isħab f'beraħ is-sema.
Hawn kewkba quddiemi,
l-aħħar tnemnima fost ħafna,
mafkar tal-lejl li miet..
Iż-żiffa . . . qajmet 'il-gawwi,
'l-għasfur mistur fis-siġra biswiti
imxebilka fl-irdum faċċata.

Il-kolpi ta' senter ħasduni,
fakkruni li stenbah il-bniedem
u miegħu l-ħtieġa li joqtol.
Il-ħmura tax-xefaq
il-ħmura tad-dmija!

Iżda l-quċċata faċċata
tħares 'il quddiem setgħana
lejn ix-xefaq.
U s-siġra qariba
b'dirgħajha miftuħa
bħal donnha titmattar
l-indifferenza.

U sebaħ il-jum . . .

**PATRICK SAMMUT**
**(Minn *Żifef u Rwiefen*, ko-awtur ma' Stephen Cachia, 2008)**

**XEMX**

Ja xemx li d-dawl tagħtini
u tul it-triq tmexxini

se nibqa' nbaxxi rasi
għax xejn ma jiena ħdejk
u naf li d-dawl jagħmini
'k nissogra nħares lejk.

**ĠORĠ BORG**

**PRISON HAIKU (CONTINUED)**
**Written after a visit to Coradino Prison, Malta**

Butterfly, perched
on polished razor wire,
wings slowly beating.

Clatter of footsteps,
clang of steel gate, food on tray,
mealtime in prison

Cockroach crosses floor,
pauses, squeezes under door.
Convict starts slimming.

**MARTIN G. SPILLANE**

**INFINITY**

If I slice time into ever diminishing laminas
and get them thinner and thinner
until one slice is zero,
then in that slice my life becomes infinite -
so my maths says -
that zero time is death!

While I live I see infinity
in the blue sky eternally deep -
a circle with no end or start.
My birth cajoled me to shun
the droll of time zero,
and made me live an instant
that is perpetually renewed
and lives with me beyond the grave
for ever and ever,
then I will understand
what is infinity.

**MAURICE MIFSUD BONNICI**
**(minn *Variegated Pansies-Viole del pensieri variegate*, 2013)**

**SPIRITUAL WARMTH**

Unifying the bond of human 'love'
pulling me from the illusion's grove;
the cradle of dreams You did stroke,
God! On a spiritual path, I lay awake.
What a delight that's filled with peace
what a joy, ever-new and full of grace.

The cozy flowers of beauty
blossom as usual as a routine duty;
Perhaps never bothered…
Soon shall they fall down withered,
lucky are the few ones plucked
to reach the divinely abode of God.

For…. survival is a relentless fight
the battle of life is ever-hard to fight,
but, an auspicious and blessed thought
creeps in me after the 'spiritual jolt';
I am happy to breathe, yes, afresh again
for in my heart, firmly does God remain.

Unaware, worldly divides get attached
but, break not a heart or get it detached,
mysticism is thy place where 'love' dwells
a source for recitation and spiritual spells;
forfeiting pride one should choose a right path
where truth unfolds with spiritual warmth.

**Dr. ASHOK T. CHAKRAVARTHY**
***Hyderabad, L-Indja***

**AS IN OLD DAYS I FEEL THE POPLAR'S SMELL**

As in old days I feel the poplar's smell,
the bitter scent which still disturbs my soul,
the wine of sadness filled that ancient bowl
with a terrible mixture of paradise and hell.
I hear yet the sound of that bell,
and I remember every sunny day,
I also remember when you passed away,
I feel again the bitter poplar's smell...
Devoted love, you were my citadel,
you were my serene, my reliable haven,
your soul flies somewhere in blue heaven,
and I am locked in an eternal cell...

**ADOLF SHVEDCHIKOV**
***Ir-Russja***

**ALWAYS THE SAME**

From my window I can see
very little. However,
this is my platform from which
I watch the world.
More than anything else
I see the trees covering
the buildings across the street.
I have never met my neighbors
but I know their time
to go and return from work
in colorful brand new cars.
My life is always the same
because that is how I enjoy
security and simplicity.
I see the future as a mystification
of the road we have to pass
in order to go on living.

**TERESINKA PEREIRA**
***L-Istati Uniti***

**ISTANTANEE**

Si prepara in te a soffiare
generoso il vento
di altre primavere
e di stagioni ancora cui l'esistere
ti segna ti chiama ti aspetta

scatto e sviluppo istantanee
mentre fisso nella mente e nel cuore
il tuo volto pensoso e sorridente
agli occhi miei
che divorano i tuoi

luce nuova ogni giorno
prospettiva mutante nell'album
da regalarti appena
lo specchio ti dirà chi sei

**GIUSEPPE NAPOLITANO**
***L-Italja***
**(minn *È questo un figlio?*, Edizioni Eva, 2012)**

# minn fuq l-ixkaffa




***MIT-TIEQA TAL-GĦORFA* ta' Karmenu Mallia, Dom Communivations Ltd., 2014.**

Karmenu Mallia huwa wieħed mill-kittieba validissimi u misjurin tal-letteratura Maltija kontemporanja. Kiteb novelli, rumanzi, drammi, esejs b'ilsna differenti, fost oħrajn. Mill-qosra ta' wara ta' dan il-ktieb ġdid: "Bijografija? Ġrejjiet ħajti? Sejħulha li tridu. Ara Santu Wistin sejjaħ ir-rakkonti ta' ħajtu *Confessiones*; Ġulju Ċesri *De Bello Gallico*; Jean Jacques Rousseau *Les Confessions*; John Henry Newman *Apologia Pro Vita Sua*. Jien għamilt dak li Michelangelo, ta' ġenju li kien, għamel fix-xogħlijiet tiegħu, jiġifieri: 'Rajt anġlu fl-irħam u naqqaxtu sakemm ħlistu mill-jasar.' Mill-jasar tal-imgħoddi tiegħi ħlist ġrajjiet biex jinqraw. Issa f'idejk." Kotba bħal dawn huma siewja llum iktar mill-bieraħ ladarba Malta qed tinbidel b'ritmu mgħaġġel u bis-saħħa ta' Karmenu Mallia għandna stampa ħajja oħra ta' kif din art twelidna u n-nies li għexu fuqha kienu jgħixu fl-ewwel nofs tas-seklu 20, qabel, waqt u wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Mallia jikteb bi stil mexxej u mill-isbaħ li jimbotta lill-qarrej ikompli jaqra bla tbatija ta' xejn u b'interess kbir.




***BEJN TNEJN* ta' Josef Borg u Carlston Grima, 2014.**

Din il-ġabra poetika ġdida tiġbor fiha 25 poeżija u għadd ta' ħajki ta' Josef Borg u 36 poeżija u għadd ta' ħajki ta' Carlston Grima. Il-ktieb hu mżejjen ukoll b'numru ta' pitturi (inkluża l-qoxra) ta' Salvatore Azzopardi, u għandu daħla kritika tal-poeta Andrew Sciberras. Fi kliem Oliver Friggieri Borg u Grima hawn "jagħtu sura lill-ideali u lill-ansjetajiet tagħhom u tal-ġenerazzjoni" li jagħmlu parti minnha. "Bejn l-istqarrija awtobijografika u l-kumment ġenerali, u bejn l-osservazzjoni ta' kulma jfeġġ madwarhom u kulma jiġġarrab fid-dinja ġewwiena tagħhom: hemm huma jirnexxilhom jinsġu flimkien poeżiji li mhux biss huma twieqi mbexxqa fuq is-sensibbiltà tagħhom stess, imma huma wkoll stedina biex żgħażagħ oħrajn iħossu magħhom, u bħalhom jegħlbu l-apatija. Din hi sewwasew il-missjoni dejjiema tal-Poeżija, u sa minn kmienu Josef Borg u Carlston Grima qegħdin hawnhekk jaqduha tajjeb b'riflessjonijiet li għandhom jinteressaw lil bosta."




***A DAWN IN SEVILLE* ta' Marie Anne Żammit, 2014.**

Mary Anne Zammit tpinġi, tikteb poeżiji u rumanzi kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Rumanzi oħrajn bil-Malti tagħha huma *Id-Dell tal-Eżmeraldi*, *Ir-Raġel l-Iswed*, u *Stupru.* Wara ħarġet ir-rumanz bl-Ingliż *Tom Velvet* li ġie eżibit f'*The New Title Showcase* waqt il-Fiera tal-Ktieb f'Londra f'April tal-2008. *A Dawn in Seville* huwa rumanz ibbażat fi Spanja fl-eqqel tal-gwerra ċivili u wara t-tmexxija dittatorjali tal-Ġeneral Franco. Hija l-istorja ta' Rosella u l-ħolm tagħha li tikteb u tistudja fi sfond fejn il-ħsieb liberali u ħieles kien qiegħed jiġi persegwitat. F' dan iż-żmien ta' persekuzzjoni, Rosella ssib ruħha f'relazzjoni projbita u tinqabad f' konflitt bejn iż-żewġ sessi. Sadanittant, il-kitba emanċipata tagħha twassalha għal persekuzzjoni, ħabs, tradiment u ġlieda kontinwa biex tipproteġi l-ideal tagħha u lil min kienet tħobb. Kien biss permezz tal-kitba u l-misteri tal-passat li Rosella jirnexxilha ssib solliev u tiskopri l-verità fuqha nfisha.

# xkaffa melitensia




***MEWĠ IL-ĦAJJA - ĠABRA TA' NOVELLI* ta' Sammy Calleja, Librerija Popolari l-orizzont, 1974.**

Dan il-ktieb ta' 141 paġna ħareġ 40 sena ilu u jiġbor fih 17-il novella oriġinali tal-kittieb Mosti Sammy Calleja u erbgħa oħra tradotti minnu stess. Hekk *Sohrab u Rustum* hija bbażata fuq il-poeżija bl-Ingliż ta' Matthew Arnold; *Ix-Xini l-Abjad* hija bbażata fuq il-poeżija ta' Gabriel Rosetti; *Salvatore*; u *t-Tfittxija* li hija kitba bbażata fuq novella ta' Raymond Williams bl-isem ta' *Man-Hunt*. Hija ħasra li l-edizzjoni li għandi jiena hija nieqsa mill-aħħar parti tan-novella *Salvatore* u mill-ewwel parti ta' *It-Tfittxija*, u għandu suspett li mhix tiegħi biss. Il-ktieb għandu daħla mill-pinna ta' Ġużè Chetcuti, u "Kelmtejn qabel" ta' Sammy Calleja (1952-1997) stess li jikteb: "Lil dan il-ktieb tajtu l-isem MEWĠ IL-ĦAJJA, għax f'dawn in-novelli ser issibu kulma tagħti l-ħajja. Bħalma l-mewġ jogħla 'l fuq, hekk il-ħajja minn xi daqqiet tagħtik il-ferħ; iżda hekk ukoll bħalma l-mewġ jogħdos 'l isfel, il-ħajja tagħtik il-morr tagħha."




**L-ISTORJA TA' ROMEO U ĠULJETTA U TMINTAX-IL NOVELLA OĦRA ta' Albert M. Cassola, 1972.**

Dan il-ktieb ta' 95 paġna kien ippubblikat mill-awtur stess, imma kien sponsorjat minn numru ta' ditti differenti li tagħhom hemm inklużi għadd ta' riklami f'diversi paġni. Il-"Kelmtejn Qabel" ġew fdati lil Emanuel Bezzina. Fi kliem dan tal-aħħar uħud minn dawn il-kitbiet huma wkoll "imitazzjonijiet, adattazzjonijiet jew traduzzjonijiet". Ir-rakkont li jiftaħ din il-ġabra huwa verżjoni moderna ta' Cassola tan-novella magħrufa ta' Matteo Bandello. Uħud min-novelli oriġinali miġburin hawn kienu diġà ppublikati fl-1948 minn Giov. Muscat. In-novelli *Ġenesi* u *Il-Qawma tal-Imwiet* kienu rebħu l-Konkors tal-"Pronostku Malti" fi snin differenti. In-novella *Santa Klaws* kienet rebħet il-konkors ta' novelli ta' "Leħen is-Sewwa" tal-1947. Anki *Il-Kandlieri taċ-Ċomb* kienet rebħet konkors imniedi mill-"Malta Missjunarja" u mfaħħra minn Ġużè Chetcuti u Ġużè Cassar-Pullicino. *Il-Baħri Tabib* hija tradizzjoni ta' *Il Cerusico di Mare* ta' Gabriele D'Annunzio, u *It-Tfajla tas-Sulfarini* hi traduzzjoni ta' Hans Christian Andersen. L-aħħar żewġ novelli huma ta' Emanuel Bezzina stess.




***IS-SALIB IMQADDES FL-ARTI* ta' Karmenu Vassallo, Empire Press, 1957.**

Karmenu Vassallo jaqsam dan il-ktieb ta' 61 paġna f'ħames taqsimiet ewlenin: Is-Salib Imqaddes fl-Arti; Kif Sallbu 'l Ġesù; Xi Tgħidilna s-Soru Agostinjana Emmerich dwar it-Tislib ta' Ġesù; Sehem il-Kurċifiss fl-Arti; u Riflessjonijiet fuq il-Kurċifiss. Fil-ktieb hemm inklużi wkoll Ittra tal-Kardinal Celso Costantini, mill-Belt tal-Vatikan, "Kelmtejn Qabel" mill-Mons. Prof. Giuseppe Sapiano, "Kelmtejn Oħra" minn Vassallo stess u numru ta' xbihat ta' slaleb minn pitturi, skulturi u arkitetti differenti, fosthom Fra Angelico, Filippo Brunelleschi, Michelangelo Buonarroti, Giovanni Cimabue, Albrecht Durer, Jan van Eyck, Anton van Dyck, Giotto, u oħrajn. Ktejjeb bħal dan twieled wara li Vassallo kien ta ħames taħdidiet ta' kwarta kull waħda dwar l-istorja u l-ikonografija tal-Kurċifiss minn fuq ir-*Rediffusion* bejn Ħadd il-Palm u Ħamis ix-Xirka, jiġifieri mit-3 sas-7 t'April, 1955, eżattament 60 sena ilu. Vassallo jagħti l-mertu lill-Kardinal Costantini ladarba uża x-xogħol tiegħu *Il Crocifisso nell'Arte*, stampat f'Firenze fl-1911, għalkemm l-awtur jgħid ukoll li għamel tiftix ieħor u ġibed konklużjonijiet oħrajn fejn ħaseb xieraq. Ktieb bħal dan ikompli juri kemm il-bniedem-poeta huwa sensittiv.